# TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI
## IMHALLEF
## ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.

Rikors Numru: 352/97

Lawrence Schembri

vs

Chief Government Medical Officer

Illum 5 ta' Lulju, 2001.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995 u b'mod aktar preciz fi/jew ghall-habta tal-1988 ir-rikorrent sofra ingustizzja billi ma nghatax promozzjoni li kien jisthoqqlu u aktar billi gie trasferit minn fuq il-post tax-xoghol tieghu, minghajr raguni valida, anzi kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz aktarx b'mottiv purament politiku.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor is-segwenti:

Ir-rikorrent kien gie mpjegat mad-Dipartiment tas-Sahha fl-1970. Huwa kien dahal bhala apprentista peress li kien jipposjedi xi certifikati bhal City & Guilds Craft Course. Huwa ghamel tlett snin bhala apprentista, gab il-"Journeyman Certificate" u sar Fitter.

Ir-rikorrent ghandu wkoll certifikat tas-City and Guilds ta' Intermediate Technician Course, studja t-Technical Institute sal-grad Technician course form 4 u ghandu certifikat mill-istess Technical Institute tal-Welding u motor mechanic.

Illi fil-bidu tal-impjieg tieghu, ir-rikorrent gie stazzjonat fil-maintenance section u ghamel zmien fid-Dipartiment tal-X-Ray. Illi fl-1980 kienet harget sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Chargehand. Ir-rikorrent applika u fil-fatt gie promoss ghal dan il-grad.

Illi dak iz-zmien fuq rakkomandazzjoni tal-Engineer Axisa ir-rikorrent gie stazzjonat fil-Mechanical Section u hemmhekk kien jiehu hsieb il-manutensjoni tal-apparat kollu. Wara li ghamel madwar erba snin f'dan ix-xoghol, l-istess Engineer Axisa kien baghat ghar-rikorrent u qallu li peress li l-grad ta' Works Technical Officer kien spicca kien ser jibghat lir-rikorrent sabiex jaghmel ix-xoghol li qabel kien isir minn persuna fil-grad ta' WTO.

Illi minkejja li ma kellux il-grad ta' Works Technical Officer, ir-rikorrent accetta dan l-inkarigu u beda jaqdi d-dmirijiet lilu assenjati.

Illi ftit wara li nbidel il-Gvern f'Mejju 1987 l-intimat beda jiddiskrimina kontra r-rikorrent. L-ewwel ma gara kien illi nehhewlu n-nies li kienu jahdmu taht ir-responsabbilta' tieghu u ir-rikorrent inghata xoghol ta' 'paper work' flok ix-xoghol normali tieghu.

Illi f'incident partikolari l-Engineer Axisa baghat ghar-rikorrent u rrimarkalu li l-fans li kienu nxtraw ghall-Kamra Mortwarja ma kienux tajbin. Ir-rikorrent irrileva lill-istess Engineer li l-fans kienu preciz skond l-ispecifications mitluba.

Illi immedjatament wara li gara dan ir-rikorrent ghamel sena u nofs ma jaghmel ebda xoghol - propju xejn.

Illi fl-1988 hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer. Ir-rikorrent applika darbtejn. Ghalkemm kien jipposjedi l-kwalifiki u esperjenza necessarji fi grad ferm aktar oghli minn dawk li effettivament gew moghtija l-grad ta' Technical Officer, ir-rikorrent gie maqbuz minghajr ebda raguni, hlief minhabba t-twemmin politiku tieghu.

Illi fil-fatt, f'dik l-okkazjoni, l-grad ta' Technical Officer gie moghti lil persuni fid-Dipartiment li anqas biss kienu jafu jiktbu.

Dan il-fatt wahdu jindika car l-ingustizzja kbira lampanti li saret mar-rikorrent.

Illi b'konsegwenza ta' dan kollu ir-rikorrent bata psikologikament kif ukoll sofra telf finanzjarju u tilef l-opportunita' li jkompli jaghmel progress ghal gradi aktar gholja.

Illi b'hekk ai termini tal-Att VIII tal-1997 ir-rikorrent fil-perjodu fuq indikat, garrab ingustizzja u dana b'konsegwenza ta' distinzjoni, eskoluzjoni jew preferenza indebita li saret jew inghatat bi hsara ghalih, jew li minhabba fiha garrab inkapacita' jew restrizzjoni u dana b'azzjoni mehuda mill-intimat.

Illi biex isostni l-ilment tieghu, ir-rikorrent kien bi hsiebu jressaq ix-xhieda murija fl-elenku anness.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab illi dan it-Tribunal joghogbu wara li jisma' x-xhieda u sottomissjonijiet tar-rikorrent jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att tal-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u jordna illi jinghata rimedju billi ir-rikorrent (1) jinghata l-grad ta' Technical Officer, b'effett retroattiv ghad-data tal-1988; (2) jithallas il-kumpens relattiv ghat-telf ta' paga l sofra meta ma giex promoss ghall-grad ta' Technical Officer meta kien jishoqqlu.

Fl-eventwalita' li dawn ir-rimedji ma jistghux jinghataw, ir-rikorrent jitlob li jigi ordnat jithallas lilu kumpens fl-ammont ta'

Lm5000 jew kull ammont iehor li ma jeccedix il-Lm5000 li dan it-Tribunal jidhirlu xieraq.

Ra l-lista ta' xhieda prezentata mir-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tac-Chief Government Medical Officer, li eccepixxa:

Illi preliminarjament rigward il-promozzjonijiet il-mittent jirrileva illi huwa ma hux leggitimu kontradittur stante illi l-Bord li jaghmel l-interviews huwa mahtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u il-hatriet ta' dawk maghzula jsiru mill-Prim Ministru wara rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Di piu' tali procedura hija insindikabbli ai termini ta' l-Artikolu 115 ta' Kostituzzjoni ta' Malta.

Illi x-xoghol ta' "chargehand" minnu nnifsu jirrikjedi illi jsir certu ammont ta' paperwork u ghalhekk dan il-fatt ma jikkwalifikax bhala wiehed diskriminatorju kontra l-intimat.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

Ikkunsidra

**PROVI:**

Illi r-rikorrent ikkonferma bil-gurament il-kontenut tar-rikors salv xi affarijiet li semma. Irrefera ghat-tielet paragrafu fit-tieni pagna tar-rikors u spjega li mhux il-grad ta' Work Technical Officer kien spicca izda il-persuna li kienet qed taghmel xoghlha f'dak il-grad kien spicca. Is-sur Axisa ghazel lilu ghalkemm meta fil-post kellu zewg Works Technical Officers u Technical Officer u hu kien chargehand biss. Iz-zewg Works Technical Officers kienu Spiteri u Bondin, waqt li Jimmy Grech kien Technical Officer. B'kollox dam madwar tlett snin jaghmel dan ix-xoghol. Wara li nbidel il-gvern fl-1987 naqsulu nofs n-nies li kellu taht idejh meta qabel gieli kellu madwar sittin ruh tahtu. Gabu persuna ohra fl-istess section li kien plumber certu John Tabone u bdew jaghddu kemm nies u kemm xoghol lilu. Semma dwar l-ispecifications tal-extractor fans tal-kamra mortwarja u li dawn kienu skond it-tender u hu irrakomandahom u dawn inxtraw. Izda meta twahhlu l-Professur ma riedx jaccetthom. Ezattament wara dan l-incident, kienu waqfuh mix-xoghol kollu, hallewh f'ufficcju u ghamel sena u nofs minghajr ma ghaddewlu xejn.

Wara kienu hargu l-applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer u hu applika darbtejn u d-darbtejn ma intghazilx. Sostna li fiz-zewg kazijiet intaghzel bniedem ta' kulur politiku tal-partit oppost tieghu. Sar Alfred Farrugia li qabel ma' lahaq Technical

Officer kien biss Plumber u tela' direttament ghal Technical Officer. Fit-tieni kaz inghata l-grad l-apprentist tieghu stess, certu Charlie Fenech. Dan kien ilu sena biss li lahaq Fitter. Ir-rikorrent ghandu is-City and Guilds, Craft Practice Course fl-Intermediate u l-Final u mbaghad kompla u ghamel l-intermediate Technician Course. Kompla Course iehor ta' Technician fit-Technical Institute u wasal sa Form 4. Ghandu wkoll licence A u licence B mill-Enemalta biex naghmel l-installations tad-djar u l-fabbriki, domestic u commercial.

Carmelo Spiteri mpjegat mal-Medical and Health fl-Isptar St Lukes xehed li jaf lir-rikorrent u semma li kienu saru charge hands flimkien u wara chief engineer. Lilu qeghduh fuq il-mechanical section u lir-rikorrent fuq il-working section. Hu sar WTO waqt li r-rikorrent ma sarx WTO. Ir-rikorrent kien jaghmel ix-xoghol taz-zewg sections meta hu kien ikun bil-leave u meta kien jidhol lura mil-leave kien isib kollox 'up to date'.

Peter Morales operation manager mad-Dipartiment tas-Sahha ilu f'din il-kariga mill-1993 u mill-1987 sa l-1993 kien Works Manager. Xehed li bhala Works Manager gieli kien superjur dirett tar-rikorrent. Semma li r-rikorrent hu kien bniedem all rounder u kien tajjeb f'iktar minn field wahda. Diversi drabi ha hsieb iktar minn sezzjoni wahda. Xehed li r-rikorrent dejjem kien teknikament tajjeb hafna u dejjem xoghlu ghamlu b'certu professjonalita. Jidher li kellu programm tajjeb ta' studju, u li teknikament kien ahjar minn haddiehor.

Rocco Magri li ilu jahdem St. Luke's ghal ghoxrin sena xehed li r-rikorrent kien l-imghallem fuqhom. Ix-xoghol tieghu huwa ta' plumber. Zied li kollox kien jizvolgi ruhu sew, u meta telaq hu l-affarijiet kien ikun hemm xi problemi zghar. Minbarra li kien jaghmel is-sena tal-plumbing Schembri kien anke electrician u ghandu ukoll il-licenzja ta' electrician. Hass li r-rikorrent bhala l-ahjar imghallmin il kellu.

Joseph Brincau li kien inkarigat mis-sezzjoni ta' xogholijiet interni u kuntratti, is-sezzjoni tal-Mechanical and Electrical fuq l-isptarijiet kollha semma li r-rikorrent kien wiehed mill-imghallmin li kellu taht id-direzzjoni tieghu ghall-habta tal-1987 jew fl-1988. Dak iz-zmien kellhom progetti kbar u wahda mill-ugigh ta' ras li kellhom hi biex inlestu progetti ghar-refurbishing ta' l-isptarijiet. Ir-rikorrent kien inkarigat kwazi minghajr ghajnuna, jobs zghar anki fl-isptarijiet li nqalghu minn hin ghall-iehor, bhar-refurbishing ta' xi ufficini, kliniki, spizeriji u gol-wards ta' l-isptar. Qatt ma kellu problemi mieghu, kellu efficjenza u kien kapaci jahdem.

Garazio Axisa semma li beda bhala Engineer fl-1975 u eventwalment lehaq Chief Engineer. Ir-rikorrent kien jahdem taht supervizjoni tieghu imma mhux dirett tahtu. Ix-xoghol li kienu jtuh kien jaghmlu u m'ghandu ebda rapporti bil-miktub kontra s-Sur Schembri. Zied li "Mistoqsi jekk niftakarx li fl-1988 kinux hargu applikazzjonijiet ghall-grad ta' Technical Officer. Niftakar li hargu ghall-grad ta' Technical Officer. Mistoqsi jekk niftakarx li lil Lawrence ma nghatax din il-

promozzjoni ghalkemm kien applika ghaliha, jekk huwa l-kaz li kont chair person tieghu jien iva niftakar u ghamilt ir-rapport tieghi lil Public Service Commission… Mistoqsi niftakarx li darba kelli Works Technical Officer nieqes u bghatt lil Lawrence Schembri floku, jiena niftakar li kien hemm bzonn ghas-servizz fid-Dipartiment tas-Sahha li kien hemm vakanza li jirrikjedi dan is-servizz u jidhirli li staqsejt lil Lawrence Schembri u ghidtlu nahseb li inti tkun il-bniedem opportun u jekk niftakar sew kien jirreferi xoghol ta' plumbing u electrical, li jidhirli li ghamel hiltu kolla biex jaqdihom."

**KONKLUZZJONIJIET:**

Ghalhekk irrizulta li r-rikorrent applika ghall-grad ta' Technical Officer darbtejn u d-darbtejn ma intghazilx. Intghazlu Alfred Farrugia li qabel ma' lahaq Technical Officer kien biss Plumber u tela' direttament ghal Technical Officer, u fit-tieni kaz inghata l-grad l-apprentist tieghu stess, Charlie Fenech li kien ilu sena biss li lahaq Fitter. Carmelo Spiteri, Peter Morales, Rocco Magri Joseph Brincau fahhru x-xoghol tar-rikorrent.

Fil-fehma tat-Tribunal hu inspjegabbli kif bniedem li kien plumber setgha qabez lir-rikorrent ghall-promozzjoni. L-istess hu inspjegabbli, u forsi hawn anzi aktar ghax grat it-tieni darba, li bniedem li kien ilu sena biss fitter jaqbez lir-rikorrent.

Dwar l-eccezzjoni preliminari dan it-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza tieghu stess tal-"John Bilocca vs Dipartiment tas-

Sahha" deciza fis-7 ta' Mejju, 1998" u ghall-istess motivi jichad l-istess eccezzjoni.

Dwar seniority it-Tribunal fil-kawza Anthony Scicluna vs Chairman Bank of Valletta deciza fis-27 ta' Ottubru, 1998, qal:

"Issa fil-fehma ta' dan it-Tribunal, s-Seniority ghandha piz kbir hafna fl-ghoti tal-promozzjonijiet u ghandha ma tigix meqjusa biss meta jirrizultaw b'mod car u inekwivoku jew kwalitajiet posittivi ohra f'xi individwi ohra li jiggustifikaw li persuna / persuni ghandha taqbez lil min imissu skond is-seniority, jew kwalitajiet negattivi f'dak li jkun imissu l-promozzjoni [skond is-seniority] li jiggustifikaw li dik il-persuna ma tinghatax il-promozzjoni. Altrimenti naslu fi stadju fejn jirrenja suprem il-favoritizmu favur xi individwi ghal ragunijiet diskriminatorji (u ghalhekk kontra l-Kostituzzjoni)." [Ara wkoll George Debono vs Brigadier AFM 28/10/98].

Dwar it-trasferiment l-ilment tar-rikorrent ma jistax jigi milqugh ghax il-provi li gab huma veru ftit fuq dan l-aspett u certament ma jwasslux ghall-prova tal-element ta' ingustizzja kif definit fl-Att VIII tal-1997.

Ghal dawn il-motivi jichad l-eccezzjonijiet tal-intimat. Jilqa' t-talba tar-rikorrent biss dwar il-promozzjoni u peress li jsib l-ilment gustifikat jirrikmanda li r-rikorrent jinghata rimedju kompensattiv billi jinghata l-grad ta' Technical Officer b'effett

mill-1988 u jitpogga fil-lista ta' seniority daqs kemm ha l-promozzjoni dak in-nhar, kif ukoll li jithallas d-differenza fil-paga li sofra.

Spejjez kontra l-intimat.